

I

(Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 805/2006

tal-25 ta' April 2006

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Federati tal-Mikronesja
dwar is-sajd fl-Istati Federati tal-Mikronesja**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37, flimkien ma' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Il-Komunità u l-Istati Federati tal-Mikronesja (SFM) innegozjaw u inizjalaw Ftehim ta' Sħubija dwar l-Industrija tas-Sajd li jipprovdi lis-sajjieda tal-Komunità b'opportunitajiet ta' sajd fl-ilmijiet li fuqhom għandhom sovranità jew ġurisdizzjoni l-Istati Federati tal-Mikronesja f'dik li tirriġwarda l-industrija tas-sajd.
- (2) Dak il-Ftehim jipprovdi għal koperazzjoni ekonomika, finanzjarja, teknika u xjentifika fis-settur tas-sajd bil-ħsieb li jiggarrantixxi l-konservazzjoni u l-utilizzazzjoni sostenibbli tar-riżorsi, kif ukoll is-sħubijiet bejn intrapriżi mmirati lejn l-iżvilupp ta' l-attivitatijiet ekonomiċi ta' interess komuni fis-settur ta' l-industrija tas-sajd u attivitatijiet relatati.
- (3) Dak il-Ftehim għandu jiġi approvat.
- (4) Għandha tiġi stabbilita l-allokazzjoni ta' l-oppportunitajiet ta' sajd fost l-Istati Membri,

- (5) L-Istati Membri, li l-bastimenti tagħhom jistadu taħt dan il-Ftehim għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-kwantitajiet ta' kull ħażna ta' ħut maqbud ġewwa ż-żona tas-sajd ta' l-SFM skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 500/2001 ta' l-14 ta' Marzu 2001 dwar l-istabbiliment tal-modalitajiet għall-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93 tal-Kunsill dwar il-kontroll tal-qabdiet tal-bastimenti tas-sajd Komunitarji fl-ilmijiet tal-pajjiżi terzi u fil-baħar miftuħ ⁽¹⁾.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Federati tal-Mikronesja dwar is-sajd fl-Istati Federati tal-Mikronesja (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") huwa b'dan approvat fisem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa meħmuż ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-oppportunitajiet ta' sajd stabbiliti fil-Protokoll għall-Ftehim għandhom jitqassmu fost l-Istati Membri skond dan li ġej:

— Tartaruni bil-friża tat-tonn:	Spanja:	75 % ta' l-oppportunitajiet tas-sajd disponibbli
	Franza:	25 % ta' l-oppportunitajiet tas-sajd disponibbli
— Bastimenti li jużaw l-konzizzjiet tal-wiċċ:	Spanja:	8 bastimenti
	Portugal:	4 bastimenti

⁽¹⁾ ĠU L 73, 15.3.2001, p. 8.

Jekk l-applikazzjonijiet għal-liċenzja minn dawn l-Istati Membri ma jkopru l-opportunitajiet ta' sajd kollha ffissati mill-Protokoll, il-Kummissjoni tista' tqis applikazzjonijiet għal-liċenzja minn kwalunkwe Stat Membru ieħor.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, nhar il-25 ta' April 2006.,

Għall-Kunsill

Il-President

J. PRÖLL
